MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 10/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Mallia talli fit-3 ta' Settembru 2005, ghall-habta tal-10.50 p.m. bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' "Tequila" li jinsab gewwa Wilga Street, Paceville, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax (16) il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Mallia hati ta'

l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat ir-regolament 18 ta’ l-Avviz Legali 392/29 kif emendat u l-artikolu 30(1) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-piena ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25) ammenda u ordnat li l-licenzja tal-fond de quo tkun sospiza ghal xahar mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Francis Mallia pprezentat fis-27 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi x-xhud principali tal-prosekuzzjoni ma identifikax sew il-post fejn allegatament instab; (2) l-appellant huwa biss is-sid ta’ l-istabbiliment imsemmi u m’ghandu l-ebda kontroll fuq l-andament kwotidjan ta’ l-istess stabbiliment; (3) l-ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja meta skond ir-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f’Lokalitajiet ta’ Divertiment (Avviz Legali 124/1995) tali sospensjoni ssehh mat-tieni reat jew reat sussegwenti; (4) l-imputazzjoni hija bazata fuq in-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 u l-prosekuzzjoni ccitat ir-regolament 15B li ma jezistix u fil-fatt ir-reat li gie imputat bih huwa reat kontra l-Avviz Legali 124/1995.

L-ewwel nett jinghad illi l-ewwel Qorti sabet responsabbilta` fl-appellant skond “ir-regolament 18 ta’ l-Avviz Legali 392/29 kif emendat”. Minn ezami tad-dicitura ta’ l-imputazzjoni, ghalkemm din titkellem dwar l-appellant bhala “persuna li f’isimha ghandha l-licenzja tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz” u ghalhekk tali dicitura tixbah aktar dik fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 (ghalkemm l-anqas precizament hekk peress illi tali notifikazzjoni titkellem dwar “likuri spirituzi” u mhux “xorb spirituz”),

huwa evidenti illi l-appellant ma giex akkuzat bi ksur tar-regolament 18 ta' dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern izda bi ksur tar-regolament 6(1) ta' l-Avviz Legali 124 tas-sena 1995. Fil-fatt it-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appellant huma bazati interament fuq dak li jiddisponi l-Avviz Legali 124/1995 b'dan illi permezz tar-raba' aggravju tieghu, filwaqt illi – b'kontradizzjoni ghall-aggravji precedenti – jghid illi l-imputazzjoni hija bazata fuq in-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929, jiddikjara illi l-allegat reat huwa reat kontra l-Avviz Legali 124/1995.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

L-ewwel Qorti ccitat l-artikolu, ossia f'dan il-kaz regolament, u ligi hazina u ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid.

Din il-Qorti fil-fatt semghet ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u mix-xiehda taghhom jirrizulta s-segwenti:

**P.S. 1492 Joseph Pace** xehed illi fit-3 ta' Settembru 2005 ghall-habta tal-10. 45 p.m. ghamel spezzjoni fil-bar "Tequila" li jinsab f'Wilga Street. Paceville u hemm sab lil certu Luke Micallef li rrizultalu kien taht l-eta` ta' sittax-il sena.

**Luke Micallef** xehed ukoll u kkonferma illi fid-data in kwistjoni kien fit-Tequila Bar ma' xi hbieb meta mar fuqu Pulizija li talbu johrog u saqsieh kemm-il sena kellu u wiegbu li kellu hmistax-il sena. Skond ix-xhud, il-Pulizija hadlu d-dettalji. Qal li d-data tat-twelid tieghu hija it-8 ta' Novembru 1990.

**Dr. Michael Camilleri** in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority ikkonferma li l-appellant huwa l-*licensee* tat-Tequila Bar fi Triq Wilga. Paceville, u li ghandu licenzja ghal bar u snack bar u b'effett mif-19 ta' Novembru 2004 hemm *substitute* Omar Cassar.

**Omar Cassar** xehed biss illi fit-3 ta' Settembru 2005 fil-10. 45 p.m. kien fit-Tequila Bar meta marru l-Pulizija u qalu li sabu tifel taht l-eta`.

Issa, skond ir-regolament 6(2) ta' l-Avviz Legali 124/1995, **"Il-proprjetarju jkun responsabbli li jizgura li ebda persuna taht l-eta` ta' sittax-il sena ma tidhol f'lokalita` ta' divertiment"**. Ir-regolament 2 ifisser **"lokalita` ta' divertiment"** bhala **"kull sala taz-zfin, diskoteka jew teatru ghaz-zfin, izda mhux dak it-teatru meta z-zfin isir fuq palk esebit lill-pubbliku, u tinkludi kull fond iehor licenzjat ghall-bejgh ta' inbid, birra u likwidi alkoholici, u kull lokalita` fil-miftuh, fejn ikun hemm divertiment, wirjiet jew zfin"** (sottolinear ta' din il-Qorti). L-istess regolament imbaghad jiddefinixxi **"proprjetarju dwar kull divertiment"** bhala **"il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew ghat-tmexxija tieghu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu, u kull persuna li f'isimha jigu ricevuti hlasijiet ghal divertiment; u f'kaz ta' persuna guridika, il-frazi 'proprjetarju' ghandha tinkludi wkoll lill-*manager* jew lil kull ufficjal principali iehor ta' dik il-persuna guridika"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-provi prodotti m'hemmx dubju illi fit-3 ta' Settembru 2005 ghall-habta ta' l-10.45 p.m. instab gewwa t-Tequila Bar f'Paceville, l-imsemmi Luke Micallef li kellu biss hmistax-il sena. L-appellant, bhala l-*licensee*, ghandu certament **"interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu"**. Konsegwentement l-imputazzjoni tirrizulta assodata.

Skond ir-regolament 15(3) ta' l-istess Avviz Legali 124/1995, **"Fil-kaz tat-tieni reat jew reat iehor**

**sussegwenti bi ksur ta' dawn ir-Regolamenti, li ma jkunx bi ksur tar-regolament 9, il-qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni tissospendi l-licenza relattiva ghal zmien ta' mhux anqas minn xahar izda mhux aktar minn tnax-il xahar".** Mill-provi prodotti u mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant, ma jirrizultax illi l-appellant qatt instab hati ta' reat iehor taht l-imsemmi Avviz Legali u fil-fatt il-prosekuzzjoni ma talbitx is-sospensjoni tal-licenzja relattiva. Ghaldaqstant ir-regolament 15(3) mhux applikabbli fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u ghalhekk tirrevokaha, issib lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat ir-regolament 6(1)(2)(4) ta' l-Avviz Legali 124/95, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt liri Maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------